MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 73/2010

**Michael Attard Limited (C32362)**

**vs**

**Aaron Bartolo (I.D. 512084M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Jannar 2010, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba` mija u erbgha u hamsin Euro u sittax-il centezmu (€454.16) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghax ulterjuri.

Ra n-nota tas-socjeta` attrici pprezentata fl-24 ta' Frar 2010 li permezz taghha cediet il-kawza izda zammet ferm il-kap tal-ispejjez.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2010, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza odjerna.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------